# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Illum 2 ta' Awwissu, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi omissis;

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Awwissu 2022 ghal ħabta ta' 11.00am u fis-siegħat u, jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa Rabat (Malta) u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Ikkaġuna lil huh omissis 1 u in-neputija omissis 2, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;

2. Ikkaġuna lil huh omissis 1 u in-neputija omissis 2, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha

U akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda:-

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil huh omissis 1 u in-neputija omissis 2, taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih;

4. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil huh omissis 1 u in-neputija omissis 2 jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil huh omissis 1 u in-neputija omissis 2 jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra omissis a benefiċju ta' huh Omissis 1 u in-neputija omissis 2 u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittmi msemmija kif ukoll għall-familjari tagħhom u f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-

koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251A, 251B, 251H, 251HA, 221(1), 202, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghat-tielet imputazzjoni tikkundannah multa ta' mitt Euro (€100) u ghall-imputazzjonijiet l-ohra tikkundannah wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmiJA omissis 1 u omissis 2 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) SNIN** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**